MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 3010/2002

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance Plc kif surrogata fid-drittijiet taghha Vera Ellul**

**Vs**

**Francis Saliba**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm326.89c (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) rapresentanti danni f'incident tat-traffiku liema incident huwa unikament responsabbli l-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li t-talbiet attrici huma nfondati u li l-konvenut mhux responsabbli ghall-incident in kwistjoni kif gie allegat fl-Avviz izda l-incident sehh biss bhala rizultat tan-negligenza tal-assigurata tas-socjeta' attrici Analise Cassar.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Analise Cassar qalet li hija kienet qed isuq mid-direzzjoni tal-Imriehel fejn Oxford House fuq in-naha ta’ barra mas-*central strip* meta l-konvenut li kien fuq il-lane tax-xellug taghha qabad u qasam biex jaghmel u-turn minghajr ma’ xeghel l-indicator. Ellul qalet li l-hsara li saret fil-karozza tal-konvenut kienet fil-gemb fuq in-naha tal-lemin. Il-Pulizija pinga skizz fuq il-*front to rear form*. Hija qalet ukoll li qabel l-incident ma kienitx rat il-karozza tal-konvenut u li l-konvenut ma kienx quddiemha fuq il-*fast lane*.

Francis Saliba qal li huwa kien qed isuq mit-triq tar-Rabat u ried jikser fuq il-lemin ghalhekk xeghel l-indicator. Saliba qal li qabel il-habta u qabel ma dar kien qed isuq fuq in-naha tas-centre strip. Meta qala l-habta kien qed idur bil-mod bl-indicator mixghul.

Huwa qal li d-daqqa kienet fil-gemb fuq in-naha tal-lemin u li ffirma l-front to rear form wara li saret l-pjanta ta’ l-incident. Huwa zied jghid li d-daqqa fuq il-karozza tieghu ma kienitx kif hemm muri fl-istess formula izda aktar il-quddiem.

Kontro-Ezami.

Saliba qal li wara li kien qabez il-lights huwa kien dige fuq in-naha tas-central strip u li saritlu hsara  fuq il-fanal ta’ wara tal-lemin u anke fuq il-gemb tal-karozza. Qal ukoll li ma tax kaz jekk kienx hemm karozzi warajh.

Ra l-atti kollha tal-kawza u sema’ t-trattazzjoni ta’ din il-kawza u issa sejjer jghaddi ghad-deliberazzjoni u decizjoni tieghu.

Illi mill-pjanta ta’ l-incident iffirmata miz-zewg kontendenti jidher car li l-incident sehh b’konsegwenza tal-manuvra negligenti u mprudenti tal-konvenut, li seghtet biss saret mill-lane ta’ gewwa.

Ikkunsidra l-fatt li l-konvenut qal li ma tax kaz jekk kienx hemm karozzi warajh, meta f'cirkostanzi simili s-sewwieq li jrid jaghmel dik it-tip ta' manuvra, ghandu l-obbligu li joqghod attent hafna tal-karozzi li jista' jkun hemm warajh, u l-fatt li jixghel l-indicator ma jezentahx mir-responsabilita' tad-danni li jsehhu.

Il-*Motor Vehicles Regulations* jipprovdu "*when altering direction or course, or slowing down or stopping… every driver shall exercise due care and attention*…"(Art. 69) u l-*High Way Code* jipprovdi "*before changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure it is safe to do so by looking in the mirror.*" (Art. 67)

L-obbligu ta' Saliba ma kienx sempliciment li jixghel l-indicator u jara li m'hemmx traffiku quddiemu imma jaccerta ruhu li dak is-sinjal setgha jinftiehem mit-traffiku li gej minn wara fuq il-lane ta' gewwa.

Ghalhekk it-Tribunal jikkonkludi li l-ammont mitlub huwa dovut. Ma kienx hemm kontestanzzjoni dwar l-ammont ta' danni.

Ghalhekk jichad ir-Risposta tal-konvenut u jikkundanna lill-konvenut l-ammont ta' Lm326.89c (tlett mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu). Bl-ispejjez u bl-imghax minn notifika ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Settembru, 2002.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------